MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 206/2002/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**-vs-**

**Emmanuel Portelli**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-21 ta’ Frar 2002 li permezz tagħha s-soċjeta’ attriċi ppremettiet:

Illi l-konvenut kien jikri l-*canteen* fil-‘Power Station’ tal-Marsa, proprjeta’ tal-Korporazzjoni attriċi, u dan skond skrittura datata 17 ta’ Marzu 1997 li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Illi l-istess kirja ġiet itterminata mill-Korporazzjoni attriċi minħabba ksur ta’ diversi obbligazzjonijiet kontrattwali da parti tal-konvenut, liema terminazzjoni hija s-suġġett ta’

kawża oħra quddiem din l-Onorabbli Qorti (Cit. Nru 1331/00).

Illi l-konvenut huwa debitur tal-Korporazzjoni attriċi fis-somma ta’ dsatax-il elf, seba’ mija u sebgħa u għoxrin Liri Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm19,727.80) rapprezentanti arretrati ta’ pagamenti dovuti lill-istess Korporazzjoni attriċi għall-kera tal-*canteen* fil-‘Power Station’ tal-Marsa dovuti bħala skadenzi għall-perjodu mis-17 ta’ Diċembru 1997 sat-28 ta’ April 2000 u dan kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok. B.

Illi minkejja l-konvenut gie interpellat sabiex iħallas l-ammont imsemmi diversi drabi, huwa baqa’ inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-Korporazzjoni attriċi l-konvenut m’għandux eċċezzjonijiet x’jissolleva għat-talbiet attriċi u għalhekk il-kawża tista’ tiġi deċiża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex, għar-raġunijiet fuq premessi, m’għandhiex din il-Qorti:

1. Taqta’ u tiddeċiedi l-kawża a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u ċioe’ bid-dispensa tas-smiegħ; u konsegwentement;

2. Tikkundannah iħallas lill-Korporazzjoni attriċi s-somma ta’ dsatax-il elf, seba’ mija u sebgħa u għoxrin Liri Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm19,727.80), dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut inġunt minn issa biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-22 ta’ Frar 2002 li permezz tiegħu ġiet miċħuda l-ewwel talba u l-Qorti ordnat li l-kawża timxi

normalment u mhux skond l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, preżentata fit-13 ta' Frar 2006, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament id-deżerzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artiklu 963 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-Korporazzjoni attriċi għar-raġunijiet segwenti:

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont pretiż m'huwiex dovut billi l-korporazzjoni attriċi naqset milli tadempixxi l-obbliġi kuntrattwali tagħha kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-korporazzjoni attriċi tterminat il-kirja viġenti bejn il-partijiet b'mod illegali u abbusiv u kkommettiet spoll fil-konfront tal-esponenti, dwar liema spoll hemm proċeduri pendenti fl-ismijiet "Emanuel Portelli vs Korporazzjoni Enemalta" (Ċit. Nru 1331/00) u dwar liema azzjoni l-esponenti jirriserva illi jipproċedi kontra l-Korporazzjoni attriċi għad-danni;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-24 ta' Mejju 2006 li permezz tagħha ġiet respinta l-ewwel eċċezzjonijiet tal-konvenut u ġie ordnat li l-kawża titkompla;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal kawża kienu dawn. Fl-1997 il-partijiet iffirmaw kuntratt li permezz tiegħu l-konvenut ingħata d-dritt imexxi l-*canteen* tal-*power station* tal-Marsa sal-2002 bil-kera ta' tmient elef u mitejn lira Maltin (Lm8,200) fis-sena. Il-Korporazzjoni attriċi qed titlob dan il-ħlas kif ukoll li titħallas is-somma ta' dsatax-il elf, seba' mija u sebgħa u għoxrin lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm19,727.80) għall-perjodu minn Diċembru 1997 sa April 2000 billi l-konvenut waqaf ihallas il-kera u dan sal-perjodu meta ġie żgumbrat forzożament. Permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta kien ġie deċiż li l-Korporazzjoni kkommettiet spoll meta għamlet dan, iżda dan mhux ta' rilevenza f'din il-kawża billi m'hemmx dubju li fil-perjodu in kwistjoni l-konvenut kien qed jiġġestixxi l-*canteen* imsemmi.

Il-konvenut qed isostni li l-korporazzjoni attriċi ma esegwietx l-obbligazzjonijiet tagħha skond il-kuntratt. L-ilmenti prinċipali tiegħu jinsabu dettaljati fl-affidavit tiegħu (fol 97). Dawn jikkonsistu fil-fatt li l-Korporazzjoni kienet tippermetti lill-ħaddiema illi jsajru fuq il-post tax-xogħol stess u allura dan kien itelliflu l-bejgħ, li kien ikollu xi serq mill-istess ħaddiema, li l-*equipment* li tagħtu l-korporazzjoni ma kienx addattat u allura kellu jixtri hu personalment, u li l-ħaddiema kienu jitħallew joħorġu jieklu minn *bars* barra mill-bini tal-*power station*.

Il-Qorti tħoss li qabel ma tidħol fil-mertu ta' dawn il-kwistjonijiet sollevati mill-konvenut, għandha tara jekk fil-fatt l-korporazzjoni attriċi kellhiex xi obbligazzjonijiet kif qed jallega l-konvenut. Eżami tal-iskrittura in kwistjoni u ċioe' dik tas-17 ta' Marzu 1997 juri biċ-ċar li mil-lanjanzi msemmija, il-Korporazzjoni ntrabtet biss li tissupplixxi lill-konvenut b'ċertu affarijiet ċioe' *furniture, catering equipment, crockery, glassware and cutlery.* M'hemm ebda referenza għal jekk il-ħaddiema jitħallux isajru jew joħorġu jieklu barra.

Huwa minnu li mill-*punto di vista* etiku u anke legali għaliex suppost li l-*kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda wkoll għal konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzoni skond ix-xorta tagħha bl-ekwita', bl-użu jew bil-liġi* kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża **"Cefalu et vs Gauci nomine"** LXXX.IV.1359). Madankollu l-Qorti ma tarax li b'xi mod li l-Korporazzjoni attriċi kellha xi *mala fede* fil-kwistjoni, u fuq kollox *il-ġurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aġġunta għal kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet <u>meta din hija espressa b'mod ambigwu</u>.* (**"Beacom vs Spiteri Staines"** – Appell Ċivili 5 ta' Ottubru 1998) – Fil-każ in kwistjoni m'hemm ebda ambigwita' fil-kuntratt u l-konvenut qed jinvoka obbligazzjonijiet li <u>ma jeżistux fl-iskrittura nnifisha</u>. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"General Cleaners Limited vs Accountant General et"** (29 ta' Novembru 2001) intqal li *bħala prinċipju generali l-liġi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal ebda interpretazzjoni. Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata –* ***pacta sunt servanda.*** Huwa wkoll prinċipji stabbilit illi *contra scriptum non scriptum testimonium non fertur.* (ara per eżempju s-sentenza **"Callus vs Micallef"** – Prim' Awla – 12 ta' Diċembru 2001.

Kif ġia' ingħad l-unika obbligazzjoni li tinkwadra fil-lanjanzi tal-konvenut hija fir-rigward tal-appart li kellu jiġi provdut. Madankollu l-konvenut ma kkwantifikax kemm nefaq biex xtara l-oġġetti hu u lanqas ma ppropona kontro-talba. Barra minn dan il-fatt żgur ma skużahx legalment għan-nuqqas ta' ħlas; il-Kodiċi Ċivili jeżenta f'każ wieħed biss lill-kerrej mill-ħlas tal-kera, u ċioe' meta jkun hemm ħsarat fil-fond mikri li jkunu jirrikjedu tiswija urġenti. Fil-verita' wkoll imbagħad wieħed diffiċli jara kif jista' jsib lil Korporazzjoni responsabbli għal xi serq mill-impjegati; fuq

kollox il-*canteen* kien responsabbli għalih il-konvenut u kellu jkun hu li jara li ma jsirx serq. Kollox ma’ kollox il-Qorti tara li l-kontestazzjoni tal-konvenut kienet biss skuża biex ma jħallasx dak dovut għaliex ma marx tajjeb kif ħaseb li se jmur mill-operazzjoni kummerċjali; din kienet xi ħaġa pero’ li kellu jqisha qabel daħal għall-kuntratt. Għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut m’għandhomx bazi la fattwali u lanqas legali. Fir-rigward tal-ammont dovut spjegat fiċ-ċitazzjoni, dan hu pruvat mid-dokumenti esebiti mis-soċjeta’ attriċi u li ma ġewx in effetti kontestati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti waqt li ma tieħux konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi *stante* d-digriet tat-22 ta’ Frar 2002, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-tieni talba attriċi, u tikkundanna lil konvenut iħallas lil Korporazzjoni attriċi is-somma ta’ ħamsa u erbgħin elf, disa’ mija u tlieta u ħamsin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€45,953.41) (ekwivalenti għal Lm19,727, 80).**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------